IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.5.2015
COM(2015) 320 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2016 f'konformità mal-movimenti fl-ING

(l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Aġġustament tekniku tal-qafas finanzjarju għas-sena 2016 f'konformità mal-movimenti fl-ING

(l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020)

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[1] (ir-Regolament QFP) kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2015/623 tal-21 ta' April 2015[2] jinkludi t-tabella tal-qafas finanzjarju għall-UE-28 għall-perjodu 2014-2020, mogħti fi prezzijiet tal-2011 (it-Tabella 1).

Skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament QFP, il-Kummissjoni kull sena, qabel il-proċedura baġitarja għas-sena n+1, tagħmel aġġustament tekniku għall-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) f'konformità mal-movimenti fl-introjtu nazzjonali gross (ING) u l-prezzijiet tal-UE, u tikkomunika r-riżultati liż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja. Fejn għandhom x'jaqsmu l-prezzijiet, il-limiti massimi tan-nefqa fi prezzijiet kurrenti huma stabbiliti bl-użu tad-deflatur fiss ta' 2 % kif previst fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament QFP. Fejn għandhom x'jaqsmu l-movimenti tal-ING, din il-Komunikazzjoni tinkludi l-aħħar previżjonijiet ekonomiċi disponibbli.

Fl-istess waqt il-Kummissjoni tikkalkula l-marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji stabbilit f'konformità mad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom, l-ammont assolut tal-Marġni ta' Kontinġenza previst fl-Artikolu 13, il-marġni globali għall-pagamenti previst fl-Artikolu 5, u l-marġni globali għall-impenji previst fl-Artikolu 14 tar-Regolament QFP. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament dwar QFM, is-sottolimitu massimu għall-intestatura 2 dwar in-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti jkun aġġustat wara li jseħħu t-trasferimenti bejn il-pilastru I u l-iżvilupp rurali f'konformità mal-att legali li jistabbilixxi dawn it-trasferimenti.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li jiġi ppreżentat ir-riżultat tal-aġġustamenti tekniċi (UE-28) għall-2016 lill-awtorità baġitarja skont l-Artikolu 6 tar-Regolament QFP.

2. TERMINI TAL-AĠĠUSTAMENT TAT-TABELLA TAL-QFP (IT-TABELLI 1-2)

It-Tabella 1 turi l-qafas finanzjarju għall-UE-28 fi prezzijiet tal-2011 bħalma hemm inkluż fl-Anness I tar-Regolament QFP, aġġustat skont l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu (5).

It-Tabella 2 turi l-qafas finanzjarju għall-UE-28 aġġustat għall-2016 (jiġifieri fi prezzijiet kurrenti). Il-qafas finanzjarju mogħti bħala perċentwal tal-ING huwa aġġornat bl-aħħar previżjonijiet ekonomiċi disponibbli (rebbiegħa 2015) u projezzjonijiet fit-tul, u huwa aġġustat skont l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 5 tar-Regolament QFP.

2.1. Ċifra totali għall-ING

Skont l-aħħar previżjoni disponibbli, l-ING għall-2016 huwa stabbilit għal EUR 14 794 057.7 miljun fi prezzijiet kurrenti għall-UE-28. Skont l-Artikolu 6(4) ma jsir l-ebda aġġustament tekniku ulterjuri fir-rigward tas-sena inkwistjoni, la matul

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[2] ĠU L 103, 22.4.2015, p. 1.

is-sena u lanqas bħala korrezzjonijiet ex-post matul is-snin sussegwenti. Għaldaqstant, għall-informazzjoni biss, l-ING aġġornat huwa stabbilit għal EUR 13 614 438.8 miljun għall-2014 u EUR 14 247 432.6 miljun għall-2015.

2.2. Ir-riżultati ewlenin tal-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2016

Il-limitu massimu globali għall-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-2016 (EUR 154 738 miljun) huwa ekwivalenti għal 1,05 % tal-ING.

Il-limitu massimu globali li jikkorrispondi għall-approprjazzjonijiet ta' pagament (EUR 144 685 miljun) huwa ekwivalenti għal 0,98 % tal-ING. Abbażi tal-aħħar previżjonijiet ekonomiċi, dan iħalli marġni taħt il-limitu massimu tar-riżorsi proprji ta' 1,23 % ta' EUR 37 282 miljun (0,25 % tal-ING għall-UE-28).

2.3. Aġġustament tas-sottolimitu massimu għall-Intestatura 2

Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament QFP, is-sottolimitu massimu għall-intestatura 2 għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti fil-perjodu 2014 sa 2020 jiġi aġġustat wara li jseħħu t-trasferimenti bejn il-pilastru I u l-iżvilupp rurali f'konformità mal-att legali li jistabbilixxi dawn it-trasferimenti.

Is-sottolimitu massimu għall-Intestatura 2 ġie aġġustat għall-ewwel darba fl-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2015[3]. Dan l-ewwel sett ta' trasferimenti naqqas il-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) b'EUR 427.5 miljun fl-2014-2020 u b'riżultat ta' dan żied l-allokazzjoni tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Is-sottolimitu massimu tal-QFP għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti 2014-2020 ġie aġġustat minn EUR 312 735 miljun għal EUR 312 309 miljun. L-ammont totali tal-limitu massimu għall-Intestatura 2 ma nbidilx.

Ġew innotifikati mill-Istati Membri żewġ ċikli oħra ta' trasferimenti bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK sal-1 ta' Diċembru 2013 u sal-1 ta' Awwissu 2014 li wasslu għal darba oħra għal tnaqqis fil-bilanċ nett disponibbli għall-FAEG u żieda korrispondenti fl-allokazzjoni għall-FAEŻR. Dawn it-trasferimenti koprew il-flessibilità bejn il-pilastri f'konformità mal-Artikolu 136(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009[4] u mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013[5], iżda wkoll il-prodott stmat tat-tnaqqis fil-pagamenti diretti f'konformità mal-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament tal-aħħar. Dawn il-bidliet kollha huma stipulati fir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni korrispondenti: Nru 994/2014 tat-13 ta' Mejju 2014[6] u

---

3 COM(2014) 307 final, 28.5.2014.

4 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

5 Ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

6 Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 994/2014 tat-13 ta' Mejju 2014 li jemenda l-Annessi VIII u VIIIc tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II, III u VI tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ĠU L 280, 24.9.2014, p. 1.

Nru 1378/2014 tas-17 ta' Ottubru 2014[7] u jidhru wkoll fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/141 tad-29 ta' Jannar 2015[8]..

It-trasferiment totali tal-ammonti mill-pilastru I għall-iżvilupp rurali għas-snin finanzjarji 2015-2020 huwa EUR 3 581.9 miljun (jiġifieri trasferiment nett mill-pilastru I għall-FAEŻR ta' EUR 3 024.354 miljun flimkien ma' tnaqqis totali ta' pagamenti diretti ta' EUR 557.546 miljun). Jeħtieġ li s-sottolimitu massimu tal-QFP għan-nefqa relatata mas-suq u l-pagamenti diretti 2014-2020 jiġi aġġustat bl-istess mod minn EUR 312 309 miljun għal EUR 308 729 miljun. L-ammont totali tal-limitu massimu għall-Intestatura 2 ma jinbidilx.

It-tabelli ta' hawn taħt juru t-tliet ċikli ta' trasferimenti bejn iż-żewġ pilastri tal-PAK u l-impatt tagħhom fuq is-sottolimitu massimu tal-Intestatura 2.

L-ewwel aġġustament tas-sottolimitu massimu għall-infiq relatat mas-suq u l-pagamenti diretti għat-trasferimenti bejn il-pilastri

(f'EUR miljuni - prezzijiet kurrenti)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2014-2020
Sottolimitu massimu H2 inizjali	44 130.000	44 368.000	44 628.000	44 863.000	44 889.000	44 916.000	44 941.000	312 735.000
L-ewwel trasferiment nett minn P1 għal P2	- 351.900	- 55.600	- 4.000	- 4.000	- 4.000	- 4.000	- 4.000	- 427.500
Bilanċ nett FAEG wara l-ewwel trasferiment	43 778.100	44 312.400	44 624.000	44 859.000	44 885.000	44 912.000	44 937.000	312 307.500
Sottolimitu massimu H2 wara l-ewwel trasferime	43 779.000	44 313.000	44 624.000	44 859.000	44 885.000	44 912.000	44 937.000	312 309.000
Differenza miż-żieda sal-eqreb ċifra għad-dritt	*0.900*	*0.600*	*0.000*	*0.000*	*0.000*	*0.000*	*0.000*	*1.500*

It-tieni u t-tielet aġġustament tas-sottolimitu massimu għall-infiq relatat mas-suq u l-pagamenti diretti għat-trasferimenti bejn il-pilastri

(f'EUR miljuni - prezzijiet kurrenti)

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2014-2020
It-tieni u t-tielet trasferiment nett minn P1 għal P2		- 122.615	- 565.099	- 602.292	- 612.437	- 560.134	- 561.777	-3 024.354
Flessibbiltà bejn il-pilastri: P2 għal P1		*499.384*	*573.047*	*572.440*	*571.820*	*571.158*	*570.356*	*3 358.205*
Flessibbiltà bejn il-pilastri: P1 għal P2		*- 621.999*	*-1 138.146*	*-1 174.732*	*-1 184.257*	*-1 131.292*	*-1 132.133*	*-6 382.559*
Tnaqqis pagamenti diretti			- 109.619	- 111.975	- 111.115	- 112.152	- 112.685	- 557.546
Bilanċ nett FAEG wara 3 trasferimenti	43 778.100	44 189.785	43 949.282	44 144.733	44 161.448	44 239.714	44 262.538	308 725.600
Sottolimitu massimu H2 wara 3 trasferimenti	43 779.000	44 190.000	43 950.000	44 145.000	44 162.000	44 240.000	44 263.000	308 729.000
Differenza miż-żieda sal-eqreb ċifra għad-dritt	*0.900*	*0.215*	*0.718*	*0.267*	*0.552*	*0.286*	*0.462*	*3.400*

Il-modifika tas-sottolimitu massimu H2 fi prezzijiet kurrenti teħtieġ li tiġi konvertita fi prezzijiet tal-2011 sabiex ikun jista' jitwettaq l-aġġustament tekniku tat-tabella tal-QFP fi prezzijiet tal-2011.

Għal dan l-għan il-bilanċ nett tal-FAEG l-ewwel jiġi trasformat fi prezzijiet tal-2011 permezz tad-deflatur fiss ta' 2 %. Dan imbagħad jiżdied għad-dritt sal-eqreb ammont sabiex jinkiseb is-sottolimitu massimu H2 aġġustat billi l-limiti massimi tal-QFP jingħataw biss f'miljuni ta' euro. Huwa biss permezz ta' din il-proċedura ta' żieda għad-dritt sal-eqreb ammont li jista' jiġi żgurat li s-sottolimitu massimu tal-QFP ikun dejjem ogħla mill-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG. Id-differenza żgħira li tirriżulta ma tikkostitwixxix marġni disponibbli, iżda tfeġġ esklussivament mill-operazzjoni ta' żieda tal-ammont għad-dritt peress li ċ-ċifri kollha fit-tabella tal-QFP

[7] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1378/2014 tas-17 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ĠU L 367, 23.12.2014, p. 16.

[8] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/141 tad-29 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 367/2014 li jiffissa l-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG, ĠU L 24, 30.1.2015, p. 11.

iridu jingħataw f'miljuni ta' euro. Għal kull baġit annwali, il-Kummissjoni se tuża l-ammonti eżatti tal-bilanċ nett disponibbli għan-nefqa tal-FAEG kif diġà sar fil-baġit tal-2014. L-istess approċċ kien applikat għall-aġġustament tekniku tal-QFP għall-2015.

Sottolimitu massimu għall-infiq relatat mas-suq u l-pagamenti diretti wara t-trasferiment fi prezzijiet kurrenti u fi prezzijiet tal-2011

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2014-2020
	- fi prezzijiet kurrenti -							
Sottolimitu massimu H2 inizjali	44 130.000	44 368.000	44 628.000	44 863.000	44 889.000	44 916.000	44 941.000	312 735.000
Bilanċ nett FAEG wara l-ewwel trasferiment	43 778.100	44 312.400	44 624.000	44 859.000	44 885.000	44 912.000	44 937.000	312 307.500
Sottolimitu massimu H2 wara l-ewwel trasferiment	43 779.000	44 313.000	44 624.000	44 859.000	44 885.000	44 912.000	44 937.000	312 309.000
Differenza miż-żieda sal-eqreb ċifra għad-dritt	*0.900*	*0.600*	*0.000*	*0.000*	*0.000*	*0.000*	*0.000*	*1.500*
Differenza fir-rigward tas-sottolimitu massimu inizjali	*- 351.000*	*- 55.000*	*- 4.000*	*- 4.000*	*- 4.000*	*- 4.000*	*- 4.000*	*- 426.000*
Bilanċ nett FAEG wara 3 trasferimenti	43 778.100	44 189.785	43 949.282	44 144.733	44 161.448	44 239.714	44 262.538	308 725.600
Sottolimitu massimu H2 wara 3 trasferimenti	**43 779.000**	**44 190.000**	**43 950.000**	**44 145.000**	**44 162.000**	**44 240.000**	**44 263.000**	**308 729.000**
Differenza miż-żieda sal-eqreb ċifra għad-dritt	*0.900*	*0.215*	*0.718*	*0.267*	*0.552*	*0.286*	*0.462*	*3.400*
Differenza fir-rigward tas-sottolimitu massimu inizjali	*- 351.000*	*- 178.000*	*- 678.000*	*- 718.000*	*- 727.000*	*- 676.000*	*- 678.000*	*-4 006.000*
Differenza fir-rigward tas-sottolimitu massimu wara l-ewwel trasferiment	*0.000*	*- 123.000*	*- 674.000*	*- 714.000*	*- 723.000*	*- 672.000*	*- 674.000*	*-3 580.000*
Deflatur annwali	**1.0612**	**1.082**	**1.104**	**1.126**	**1.149**	**1.172**	**1.195**	
	- fi prezzijiet tal-2011 -							
Sottolimitu massimu H2 inizjali	41 585.000	40 989.000	40 421.000	39 837.000	39 079.000	38 335.000	37 605.000	277 851.000
Sottolimitu massimu H2 wara l-ewwel trasferiment	41 254.000	40 938.000	40 418.000	39 834.000	39 076.000	38 332.000	37 602.000	277 454.000
Bilanċ nett FAEG wara 3 trasferimenti	41 253.081	40 824.531	39 806.219	39 199.260	38 445.198	37 758.170	37 036.912	274 323.371
Sottolimitu massimu H2 wara 3 trasferimenti	**41 254.000**	**40 825.000**	**39 807.000**	**39 200.000**	**38 446.000**	**37 759.000**	**37 037.000**	**274 328.000**
Differenza miż-żieda sal-eqreb ċifra għad-dritt	*0.919*	*0.469*	*0.781*	*0.740*	*0.802*	*0.830*	*0.088*	*4.629*
Differenza fir-rigward tas-sottolimitu massimu inizjali	*- 331.000*	*- 164.000*	*- 614.000*	*- 637.000*	*- 633.000*	*- 576.000*	*- 568.000*	*-3 523.000*
Differenza fir-rigward tas-sottolimitu massimu wara l-ewwel trasferiment	*0.000*	*- 113.000*	*- 611.000*	*- 634.000*	*- 630.000*	*- 573.000*	*- 565.000*	*-3 126.000*

3. MARĠNI GLOBALI GĦALL-PAGAMENTI (MGP)

Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament QFP, il-Kummissjoni taġġusta 'il fuq il-limitu massimu ta' pagament għas-snin 2015-2020 b'ammont ekwivalenti għad-differenza bejn il-pagamenti eżegwiti u l-limitu massimu ta' pagament tal-QFP tas-sena n-1. Kull aġġustament 'il fuq għandu jiġi kkumpensat kollu bi tnaqqis korrispondenti tal-limitu massimu ta' pagament għas-sena n-1.

Il-limitu massimu ta' pagament għall-2014 kien EUR 135 866 miljun fi prezzijiet kurrenti. Il-Marġni ta' Kontinġenza ġie mobilizzat sabiex tkun provduta s-somma ta' EUR 3 168 233 715 f'approprjazzjonijiet ta' pagament lil hinn mil-limitu massimu ta' pagament tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). L-ammont ta' EUR 350 miljun iddaħħal fil-mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza sakemm jintlaħaq ftehim dwar pagamenti għal strumenti speċjali oħra. Sakemm jintlaħaq dak il-ftehim, is-somma ta' EUR 2 818 233 715 ġiet stabbilita bħala ammont mobilizzat mill-Marġni ta' Kontinġenza li għandu jagħmel tajjeb għal-limiti massimi fis-snin 2018-20[9]. Il-pagamenti għal strumenti speċjali oħra huma trattati bħala pagamenti lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP għall-fini tal-kalkolu tal-MGP. Għaldaqstant l-ammont tal-limitu massimu totali li għandu jitqies għall-kalkolu tal-MGP huwa EUR 138 684

[9] Id-Deċiżjoni (UE) 2015/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza, ĠU L 72, 17.3.2015, p. 4.

miljun. F'każ li l-istituzzjonijiet jifthemu mod ieħor dwar il-pagamenti għal strumenti speċjali, il-Kummissjoni tikkunsidra dak il-ftehim meta tikkalkula l-MGP f'aġġustamenti tekniċi fil-ġejjieni.

Il-pagamenti eżegwiti fl-2014 jammontaw għal EUR 138 922.7 miljun. Dan l-ammont huwa magħmul mill-pagamenti eżegwiti mill-approprjazzjonijiet ta' pagament awtorizzati fil-baġit tal-2014 (EUR 137 135.6 miljun) u mir-riporti tal-2014 għall-2015 (EUR 1 787.1 miljun)[10]. Il-pagamenti għal strumenti speċjali huma eskluži mill-eżekuzzjoni (EUR 342.7 miljun[11]), għaldaqstant l-eżekuzzjoni kkunsidrata għall-kalkolu tal-MGP hija EUR 138 580 miljun.

Il-marġni li jifdal taħt il-limitu massimu ta' pagament għall-2014 huwa ta' EUR 104.2 miljun fi prezzijiet kurrenti. Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament QFP, id-deflatur ta' 2 % jintuża għall-kalkolu tal-MGP u l-aġġustament korrispondenti tal-limiti massimi. Għaldaqstant il-limitu massimu tal-2014 jitnaqqas b'EUR 104 miljun u l-limitu massimu tal-2015 jiżdied b'EUR 106 miljun fi prezzijiet kurrenti. Il-limitu massimu globali ta' pagament fi prezzijiet kurrenti jikkorrispondi għal EUR 1 023 956 miljun.

L-ammont ta' MGP fi prezzijiet tal-2011 jikkorrispondi għal EUR 98 miljun. Il-limitu massimu ta' pagament tal-2014 jitnaqqas u l-limitu massimu ta' pagament tal-2015 jiżdied b'dan l-ammont. Il-limitu massimu globali ta' pagament għall-perjodu 2014-2020 jibqa' l-istess ammont ta' EUR 908 400 miljun fi prezzijiet tal-2011.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-kalkoli tal-MGP u tal-aġġustamenti korrispondenti tal-limiti massimi ta' pagament.

[10] F'każ li xi wieħed mir-riporti mill-2014-2015 jiġi kkanċellat fl-2015, l-ammont korrispondenti jiżdied mal-kalkolu tal-MGP fl-2016.

[11] Id-differenza fl-ammont meta mqabbel ma' EUR 350 miljun (EUR 7.3 miljun) tikkorrispondi għall-parti mhux eżegwita tal-FEG.

	f'EUR miljuni	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	total
(1)	Limitu massimu AP (prezzijiet 2011) qabel MGP	**128,030**	**131,095**	131,046	126,777	129,778	130,893	130,781	**908,400**
(2)	Limitu massimu AP (prezzijiet kurrenti) qabel MGP	**135,866**	**141,901**	144,685	142,771	149,074	153,362	156,295	**1,023,954**
(3)	**Mobilizzazzjoni Marġni ta' Kontinġenza**	**2,818.2**							
(4)	**LIMITU MASSIMU TOTALI FIR-RIGWARD TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT IVVUTAT**	**138,684.2**							
(5)	**Pagamenti eżegwiti abbażi tal-baġit ivvutat**	**137,135.6**							
(6)	Pagamenti eżegwiti abbażi tal-baġit ivwutat għall-FSUE	150.0							
(7)	Pagamenti eżegwiti abbażi tal-baġit ivwutat għall-FEG	6.9							
(8)	Pagamenti eżegwiti abbażi tal-baġit ivwutat għall-EAR	150.0							
(9)	Pagamenti eżegwiti abbażi tal-baġit ivwutat għall-Flessibbiltà	0.0							
(10) = (6) + (7) + (8) + (9)	**Pagamenti eżegwiti abbażi tal-baġit ivvutat għall-istrumenti speċjali**	**306.9**							
(11)	**Riporti 2014 għall-2015**	**1,787.1**							
(12)	Riport għall-FSUE	0.0							
(13)	Riport għall-FEG	35.9							
(14)	Riport għall-Flessibbiltà	0.0							
(15) = (12) + (13) +	**Riport għall-istrumenti speċjali**	**35.9**							
(16) = (10) + (15)	**Eżekuzzjoni totali + riport għall-Istrumenti speċjali ('il fuq mil-limiti massimi)**	**342.7**							
(17) = (5) + (11) - (16)	**PAGAMENTI EŻEGWITI TOTALI + RIPORT 2014 GĦALL-2015 MINBARRA L-ISTRUMENTI SPEĊJALI**	**138,580.0**							
(18) = (4) - (17)	**MARĠNI GLOBALI GĦALL-PAGAMENTI**	**104.2**							
(19)	aġġustament tal-limiti massimi (prezzijiet kurrenti)	**-104.0**	**106.0**						**2**
(20)	aġġustament tal-limiti massimi (prezzijiet 2011)	**-98.0**	**98.0**						**0**
(21) = (2) + (19)	**Limiti massimi ta' pagament aġġustati (prezzijiet kurrenti)**	**135,762**	**142,007**	144,685	142,771	149,074	153,362	156,295	**1,023,956**
(22) = (1) + (20)	**Limiti massimi ta' pagament aġġustati (prezzijiet 2011)**	**127,932**	**131,193**	131,046	126,777	129,778	130,893	130,781	**908,400**

4. STRUMENTI SPEĊJALI

Hemm għadd ta' strumenti li huma disponibbli barra mil-limiti massimi tan-nefqa maqbula fil-qafas finanzjarju 2014-2020. Dawn l-istrumenti għandhom l-għan li jipprovdu reazzjoni rapida għal avvenimenti eċċezzjonali jew mhux previsti, u jipprovdu, sa ċerti limiti, daqsxejn ta' flessibilità lil hinn mil-limiti massimi tan-nefqa maqbula.

4.1. Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza

Skont l-Artikolu 9 tar-Regolament QFP, ir-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza tista' tiġi mobilizzata sa ammont massimu ta' EUR 280 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2011, jew EUR 309 miljun fl-2016 fi prezzijiet kurrenti (EUR 2 209 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti). Il-parti tal-ammont mhux użat tas-sena preċedenti tista' tiġi riportata.

4.2. Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament QFP, il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE jista' jiġi mobilizzat sa ammont massimu ta' EUR 500 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2011, jew EUR 552 miljun fl-2016 fi prezzijiet kurrenti (EUR 3 945 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti). Il-parti tal-ammont mhux użat tas-sena preċedenti tista' tiġi riportata.

4.3. Strument ta' Flessibbiltà

Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament QFP, l-Istrument ta' Flessibbiltà jista' jiġi mobilizzat sa ammont annwali massimu ta' EUR 471 miljun fi prezzijiet tal-2011, jew EUR 520 miljun fl-2016 fi prezzijiet kurrenti (EUR 3 716-il miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti). Il-porzjon tal-ammont mhux użat tat-tliet snin preċedenti jista' jiġi riportat.

4.4. Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament QFP, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jista' jiġi mobilizzat sa massimu ta' EUR 150 miljun fis-sena fi prezzijiet tal-2011, jew EUR 166 miljun fl-2016 fi prezzijiet kurrenti (EUR 1 183 miljun għall-perjodu kollu fi prezzijiet kurrenti).

4.5. Marġni ta' Kontinġenza

Skont l-Artikolu 13 tar-Regolament QFP, Marġni ta' Kontinġenza sa 0,03 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross tal-Unjoni jiġi stabbilit barra mil-limiti massimi tal-qafas finanzjarju għall-perjodu 2014-2020.

L-ammont assolut tal-Marġni ta' Kontinġenza għas-sena 2016 huwa ta' EUR 4 438,2 miljun.

4.6. Marġni globali għall-impenji għat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi għaż-żgħażagħ (MGI)

Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament QFP, il-marġni li jibqgħu disponibbli taħt il-limiti massimi tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 jikkostitwixxu Marġni Globali tal-QFP għall-Impenji (MGI), li għandhom isiru disponibbli lil hinn mil-limiti massimi stabbiliti fl-Anness tar-Regolament QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika relatati mat-tkabbir u mal-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi għaż-żgħażagħ.

Il-marġni li jifdal taħt il-limitu massimu ta' impenn tal-2014 jammonta għal EUR 521.9 miljun. Dan jikkorrispondi għall-ammont tal-marġni taħt il-limitu massimu għall-approprjazzjonijiet ta' impenn fil-bażit finali tal-2014. L-impenji dwar Strumenti speċjali mhumiex ikkunsidrati billi dawn jiġu implimentati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP.

Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament QFP, id-deflatur ta' 2 % jintuża għall-kalkolu tal-MGI. L-ammont tal-marġni li jifdal mill-2014 li għandu jsir disponibbli għall-

2016 jikkorrispondi għal EUR 543.0 miljun fi prezzijiet kurrenti[12]. L-ammont ta' MGI fi prezzijiet tal-2011 jikkorrispondi għal EUR 491.8 miljun.

It-tabella ta' hawn taħt turi d-dettalji tal-kalkolu tal-MGI.

	f'EUR miljuni
Limitu Massimu Al 2014	142.540,0
Approprjazzjonijiet totali awtorizzati bażit 2014	142.690,3
Ii minnhom strumenti speċjali:	672,2
Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni Ir-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza L-istrument ta' Flessibbiltà	126,7 159,2 297,0 89,3
Marġni globali għall-impenji 2014 (prezzijiet kurrenti)	**521,9**
Marġni globali għall-impenji 2014 (prezzijiet 2011)	*491,8*
MGI disponibbli fl-2016 (prezzijiet kurrenti)	**543,0**

[12] F'każ li l-ammont jintuża kollu jew parti minnu matul is-snin 2017-2020, dan l-ammont jiġi aġġustat minħabba f'hekk billi jiġi applikat id-deflatur ta' 2 %, f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament QFP.